



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) ta* 15 ta' Ġunju 2022 – Dumitrescu et Schwarz/Il-Kummissjoni

(Kawża T-531/16)

“Servizz pubbliku - Uffiċjali - Riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-2014 - Rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali - Post ta' oriġini li jinsab f'pajjiż terz - Flus b'rata fissa kkalkulat fuq il-bażi tad-distanza bejn il-post tax-xogħol u l-kapitali tal-Istat Membru li tiegħu l-uffiċjal għandu n-nazzjonalità”

1. *Rikorsi tal-uffiċjali – Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni ta' każda tal-ilment – Effett – Tressiq tal-att ikkontestat quddiem il-qorti – Eċċezzjoni – Deċiżjoni li ma għandhiex natura konfermattiva – Teħid inkunsiderazzjoni tal-motivazzjoni li tinsab fiha*

(Regoli tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)

(ara l-punt 26)

2. *Rikorsi tal-uffiċjali – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Annullament ta' att ipotetiku li għadu ma ġiex adottat – Esklużjoni*

(Artikolu 270 TFUE)

(ara l-punt 27)

3. *Uffiċjali – Rimbors ta' spejjeż – Spejjeż tal-ivvjaġġar annwali – Riforma tar-Regolamenti tal-Persunal – Setgħa diskrezzjonali tal-leġiżlatur tal-Unjoni – Applikazzjoni ta' metodi ta' kalkolu differenti għall-uffiċjali li għandhom il-post ta' oriġini tagħhom ġewwa l-Unjoni u għal dawk li għandhom barra l-Unjoni – Ammissibbiltà – Ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Assenza*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 7 u 20; Regolamenti tal-Persunal, kif emendat bir-Regolament Nru 1023/2013, Anness VII, Artikoli 2, 4 u 8)

(ara l-punti 37 sa 46, 51 sa 63)

4. *Moviment liberu tal-persuni – Ħaddiema – Dispożizzjonijiet tat-Trattat – Kamp ta' applikazzjoni – Moviment tal-ħaddiema bejn post ta' oriġini barra l-Unjoni u post ta' assenjazzjoni fi ħdan l-Unjoni – Esklużjoni*

(Artikolu 45 TFUE)

(ara l-punti 66 sa 70)

5. *Uffiċjali – Rimbors ta' spejjeż – Spejjeż tal-ivvjaġġar annwali – Kundizzjonijiet u modalitajiet – Uffiċjali li għandhom il-post ta' oriġini tagħhom barra mill-Unjoni – Kalkolu tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar abbażi tad-distanza li tissepara l-post ta' residenza mill-belt kapitali tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom – Diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità – Assenza – Ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità – Assenza*

(Regolamenti tal-Persunal, kif emendat bir-Regolament Nru 1023/2013, Anness VII, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2))

(ara l-punti 72 sa 79)

6. *Rikorsi tal-uffiċjali – Interess ġuridiku – Neċessità ta' lmenti personali*

(Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 91)

(ara l-punt 81)

7. *Uffiċjali – Rimbors ta' spejjeż – Spejjeż tal-ivvjaġġar annwali – Kundizzjonijiet u modalitajiet – Emenda tar-Regolamenti tal-Persunal li twassal għal tnaqqis tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali – Ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali – Assenza*

(Regolamenti tal-Persunal, kif emendat bir-Regolament Nru 1023/2013, Anness VII, Artikolu 8)

(ara l-punti 86 sa 93)

8. *Atti tal-istituzzjonijiet – Applikazzjoni razione temporis – Applikazzjoni immedjata tar-regola l-ġdida lill-effetti futuri ta' sitwazzjoni li bdiet taħt ir-regola l-antika – Adozzjoni tar-Regolament Nru 1023/2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra – Ksur tad-drittijiet kweżiti – Assenza*

(Regolamenti tal-Persunal, kif emendat bir-Regolament Nru 1023/2013, Annessi V, Artikolu 7 u VII, Artikolu 8)

(ara l-punti 94 sa 96)

9. *Rikorsi tal-uffiċjali – Talba għad-danni marbuta ma' talba għal annullament – Ċaħda ta' talba għal annullament li twassal għaċ-ċaħda tat-talba għad-danni*

(Regoli tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)

(ara l-punt 100)

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Vasile Dumitrescu u Guido Schwarz huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk esposti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.